# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tallum l-Erbgħa 30 ta’ April 2025**

**Rikors Ġuramentat Nru.:745/2019MH**

**Numru: 5**

**Abdilla Christopher**

**Vs**

**Buhagiar Martin u b’digriet ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Frar, 2020 ġie kjamat in kawża l-Ministru ta’ L-Intern[1].**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess u mitlub kif ġej:-

1. *“Illi huwa kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu ta’ għamla Suzuki bin-numru ta’ registrazzjoni FBF156 f’Dawret Hal-Ghaxaq fil-31 ta’ Awwissu 2017 meta l-vettura ta’ ghamla Toyota Hiace bin-numru ta’ registrazzjoni GVH045 ghamlet U-Turn sabiex iddur ghad-direzzjoni opposta minghajr ma ghamlet il-verifiki assocjati ma’ din l-istess manuvra necessarji u ghaldaqstant u per*

[1] Folio 80

*konsegwenza ta' dan sehh l-incident stradali (vide Incident Report mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok RAR**');*

2. *Illi l-incident stradali sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut illi ghamel manuvra inadatta u perikoluza, minghajr ma ha d-dovuti kawteli.*

3. *Illi rizultat ta' dan l-incident stradali Christopher Abdilla safa imwegga gravement u ser jibqa permanentement debilitat, (vide Rapport Mediku mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok CA11**') u dan oltre d-danni materjali u ta' natura patrimonjali minnu wkoll sofferti;*

4. *Illi l-konvenut bl-ebda mod ma ghamel tajjeb ghad-danni kkagunati kif imfisser;*

5. *Illi l-istanti b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali msemmi.*

6. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

## ***RAĠUNI TAT-TALBA***

1. *Illi huwa kien qieghed isuq il-mutur tieghu ta' ghamla Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni FBF156 f'Dawret Hal-Ghaxaq fil-31 ta' Awwissu 2017 meta l-vettura ta' ghamla Toyota Hiace bin-numru ta' registrazzjoni GVH045 ghamlet U-Turn sabiex iddur ghad-direzzjoni opposta minghajr ma ghamlet il-verifiki assocjati ma' din l-istess manuvra necessarji u ghaldaqstant u per konsegwenza ta' dan sehh l-incident stradali (vide Incident Report mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok RAR**');*

2. *Illi l-incident stradali sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut illi ghamel manuvra inadatta u perikoluza, minghajr ma ha d-dovuti kawteli.*

3. *Illi rizultat ta' dan l-incident stradali Christopher Abdilla safa imwegga gravement u ser jibqa permanentement debilitat, (vide Rapport Mediku mal-prezenti anness u mmarkat bhala '**Dok***

***CA11**') u dan oltre d-danni materjali u ta' natura patrimonjali minnu wkoll sofferti;*

4. *Illi l-konvenut bl-ebda mod ma ghamel tajjeb ghad-danni kkagunati kif imfisser;*

5. *Illi l-istanti b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali msemmi.*

6. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

***<u>TALBIET</u>***

*Tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjarah responsabbli ghall-incident stradali li sehh f'Dawret Hal-Ghaxaq, Ghaxaq fil-31 ta' Awwissu 2017 u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofra l-attur;*

2. *Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundannah jhallas lill-istanti dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bhala dovuti in linea ta' danni, kif imfisser.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tal-lum stess mahruga kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni."*

Rat l-ewwel digriet tagħha datat 21 ta' Awwissu, 2019.[2]

Rat ir-risposta ġuramentata[3] fejn ġie eċċepiet li ġej:-

[2] Folio 35
[3] Folio 74

1. *"Illi preliminarjament, ghall-finijiet u I-effetti kollha tal-Ligi, I-eccipjenti jirriserva minn issa illi jitlob l-kjamat fil-kawza tal-Ministeru ta' I-lntern stante illi waqt I-allegat incident il-konvenut kien waqt il-qadi ta' dmirijietu bhala ufficcjal tad-Detention Services.*

2. *Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-*
3. *talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra I-attur, u dan peress li ghall-kollizzjoni in kwistjoni huwa unikament responsabbli I-istess attur Christopher Abdilla li fil-mument tal-kollizzjoni kien qieghed isuq b'mod traskurat, negligenti, imprudenti, u naqas milli jhares ir-regolamenti tat-traffiku;*

3. *Illi kull tip ta' danni ghandhom jigu ppruvati skond il-ligi stante illi qed jigu kontestati.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamat in kawża[4] fejn ressqu l-eċċezzjonijiet segwenti:

1. *"Illi preliminarjament, l-Avukat tal-Istat għadu mhuwiex notifikat bl-atti ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi in vena preliminari wkoll, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern, Sigurta` Nazzjonali, u l-Infruzar tal-Liġi mhuwiex il-leġittimu kontradittur ġjaladarba l-Ministeru kjamat bl-ebda mod ma kkawża l-kolliżjoni mertu tal-azzjoni odjerna. Isegwi għalhekk illi t-talbiet tar-rikorrent ma jistgħux ikunu diretti fil-konfront tal-esponent, u konsegwentement għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

3. *Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif se jkun muri u trattat matul il-kawża;*

[4] Folio 93

4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, kwalunkwe responsabbilita` u kull tip ta' danni għandhom jiġu ppruvati skont il-liġi;*
5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent; bl-ispejjeż kontra tiegħu."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet il-provi kollha prodotti wkoll in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ssib l-għeruq tagħha f'inċident stradali fejn Van misjuq mill-konvenut li meta ġie biex idur laqgħat mutur misjuq fuq il-karreġġata l-oħra li kien fi triqtu. Il-van misjuq mill-attur kien fil-fatt qed jagħmel U-turn sabiex idur fid-direzzjoni opposta minn fejn kien ġej l-attur isuq mutur.

Per konsegwenza l-attur spiċċa sofra danni fiżiċi kif deskritti fir-rapport *ex parte* redatt mit-tabib Thomas Azzopardi *Consultant Orthopaedic Surgeon* li stabbilixxa li l-ġrieħi kkaġunati lill-attur jwasslu għal diżabilita' ta' 15 fil-mija.[5]

[5] Rapport preżentat mar-rikors ġuramentat Dok. CA11 folio 14.

L-attur jirriklama għalhekk mhux biss id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' dan l-inċident awtomobilistiku a karigu tal-konvenut, iżda wkoll id-danni li hu sofra kaġun ta' hekk.

**Huwa ċar li hawn qed tiġi esperita l-azzjoni aquiliana.**

**In linea ġurisprudenzjali in tematika nsibu dawn is-segwenti prinċipji stabbiliti**.

**-Radoslav Yurukov v. GasanMamo Insurance Limited (C 3143)[6]:**

> *"»Punti ta' Liġi »*
> *4. Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-azzjoni esperita hija dik naxxenti minn dik aquiliana.*
>
> *»5. Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni: »*
>
> *6. L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu. Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta' culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-bonus paterfamilias. »*
>
> *7. F'dan ir-rigward l-ermeneutika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li "min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti" (ara - Kollez. Vol. XXX. I. 142). L-istess Sentenzi ikomplu jispjegaw li "l-kolpa fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel*

[6] Appell 7 ta' Ottubru, 2024. Rikors Ġuramentat Numru 1107/19/1

*att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett" (ara - Kollez. Vol. XLII. I. 74). Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diliġenza mal-prevedibilita` ta' l-event dannuż; "prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (ara ukoll Kollez. Vol. XLVIII. I. 258).* »

*8. Fis-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXIV. I. 172, ingħad li hemm il culpa:* »*"quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene". Di piu fis-Sentenza fl-ismijiet Michael D'Amato noe -vs Filomena Spiteri et deċiza minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 2003, b'riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li:-*

»*"Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennunċja l-prinċipju in virtu` ta' liema l-leżjoni kaġjonata lis-suġġett tobbliga lill-awtur tal-leżjoni li jirriżarċixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tiegħu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` ċivili hi ravviżata fl-imġieba imputabbli għal dolo jew culpa. Il-liġi ċivili tagħna ma tiddefinixix il-kolpa ċivili fl-għemil iżda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodiċi Ċivili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus għan-nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b' nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali".* »

*9. Fl-aħħar nett fis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech et kien elUċidat is-segwenti:-* »

*" ... jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut ma' d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 talistess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f'azzjoni ta' danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta' ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x'inhi l- "ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f'għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."* »

*10. Issa x-xorta ta' prudenza u osservanza tal-liġijiet kollha hija applikabbli għal kull min bi ħsieb jew mingħajr jikkawża d-danni, indipendentement minn fiex ikun l-eżerċizzju tal-għemil jew eżerċizzju ta' xi sengħa. L-eżerċizzju tal-prudenza huwa partikolarment fis-sewqan ta' kull xorta ta' vetturi peress li dawn huma agħar minn arma li tista' toqtol jew tiddebilita'."*

**-Avv. James D'Agostino għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Gary Kimber u b'digriet tat-18 ta' Diċembru 2015, il-Qorti ordnat li Dr. Maria Cardona tiġi inkarigata bħala mandatarja minflok l-Avukat James D'Agostino[7]:**

*"Il-Qorti tibda billi tqis illi dwar ir-responsabbiltà għal dak liseħħ, huwa prinċipju stabbilit skont artikolu 1031 tal-KodiċiĊivili li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu.Artikolu 1032 jipprovdi espressament illi jitqies fil-ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili) kif ukoll dak extrakontrattwali (artikolu 1032 imsemmi). B'mod partikolari, skontl-artikolu 1033 inoltre, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb,jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk*

*Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dottor Remigio Zammit Pace noe vs Reginald Fava et noe et, deċiża fil-25 ta' Marzu 2004:"Intema ta' dritt jingħad, skond l-artikoli 1031,1032 u1033 tal-Kodiċi Ċivili, li hi l-liġi komuni applikabbli għal kulħadd indistinament, li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara litiġri biħtija tiegħu", u "jitqies fiħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja". L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi "kull min ..... mingħajr ħsieb lijagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill-liġi,huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk". Tali prinċipjij abbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni. Kif intqal*

[7] 2 ta'Frar, 2017 CitazzjoniNru:833/2005AF ikkonfermata mill-Appell.

*fil-kawza "Bonnici vs Mizzi", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, "Si ha colpa ed il quasi delitton quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono leconseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene"–Vol.XXIV.I.172."*

**-Katarzyna Labuz v. Avukat Kevin Plumpton[8]**

*"Il-motivazzjoni ta' dik il-parti tas-sentenza appellata li hi rilevanti għall-appell tal-konvenut, taqra hekk:*
*"Lucrum cessans*

*Bħala fatti jirriżultaw li fil-mument tal-inċident kellha sitta u tletin (36) sena (ara a' fol 32 u 157). L-aħħar li ħadmet kien fl-2014 u dak in-nhar kellha paga minima ta' disgħa mitt ewro (€900) (Ara a' fol 172 B u 172 C). Tipposjedi ukoll diploma mill-Universita' Ljubljana bħala għalliema ta' edukazzjoni fiżika (ara a' fol 178 u diploma). Salv għal kundizzjonijiet li kellha meta 15-il sena, kollox ma' kollox kienet mara sana u mingħajr problemi serji ta' saħħa li setgħu jimpeduha milli tgħix ħajja normali (a' fol 108). Kienet miżżewwġa u fil-mument tal-inċident kienet mara tad-dar.*

*Kif ingħad, meta ġara l-inċident, l-Attriċi kellha 36 sena. Illum l-eta' pensjonabbli hija dik ta' ħamsa u sittin sena (65). It-telf ta' qligħ għandu dejjem jinkludi wkoll il-potenzjal tal-vittma li taqla' xi xorta ta' entrojtu fil-ġejjieni. Per eżempju, li persuna diżabbilitata tkun qed taħdem wara l-inċident, anke jekk qeda taqla' iżjed minn qabel, dan ma jfissirx li hija ma setgħetx issib opportunitajiet aħjar ta' xogħol kieku ma korrietx. Il-fatt li persuna tkun qed taħdem ma jeskludihiex milli tingħata danni. Hekk ukoll, bħal fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-fatt li l-Attriċi ma kienetx taħdem għal diversi snin jew qatt ma għamlet użu mill-kwalifiki tagħha, ma jeskluduhiex milli tkun ikkupensata għaddanni permanenti li sofriet minħabba l-potenzjal ta' opportunitajiet mankati fil-futur. Il-kwistjoni tad-diżabilta permanenti hija waħda oġġettiva u tipprexxendi minn kull ċirkostanza post-inċidentali li minnha tkun qed tibbenifika il-vittma. Il-grad ta' permanenza ta' diżabilita' iċaħħad lill-vittma minn opportunitajiet li ma kienx għal tali diżabilita' kienu jkunu disponibbli għaliha. Id-diżabilita'*

[8] Qorti tal-Appell 6 ta' Diċembru, 2023. Rikors numru 26/20/1 TA

*neċessarjament timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal tagħha għax-xogħol, mhux biss mal-employer preżenti iżda wkoll ma terzi jew anke jekk taħdem għal rasha.[Vol.LXXXII.II.243]. Konsegwentement il-ġurisprudenza lokali stabbiliet li l-kriterju li għandu jifforma l-bażi tal-multiplier, mhuwiex il-life expectancy tad-danneġġjat, imma hija l-aspettativa lavorattiva tiegħu li llum il-ġurnata, hu rikonoxxut, tista', u probabbli tissupera, l-eta' pensjonabbli partikularment fid-dawl li llum id-durata ta' żmien ta' ħajja twalet. Anke l-istess Stat jirrikonoxxi li huwa probbali li persuna tibqa' taħdem anke wara l-eta' ta' irtirar. Dan tant huwa minnu li l-liġijiet soċjali illum jippermettu li persuna li taħdem wara l-eta' ta' irtirar hija eżenti millħlas tal-bolla tal-pensjoni kontributorja. Dan qiegħed jingħad mingħajr ma jiġi injorat il-fattur l-ieħor tacchances and changes of life li jimponi ċertu elastiċita' ta' kriterju peress li l-pronunzjament tal-Qorti huwa wieħed ta' probabilita'. Fillikwidazzjoni tal-kumpens, il-Qorti għandha timxi fuq kriterji kemm jista' jkun konkreti u mhux sempliċement kongetturali, "huwa minnu li l-ezercizju tal-likwidazzjoni u ghoti ta' kumpens jiddependi minn estimi u pronostici li dwarhom hadd ma jista' jkun cert mija fil-mija sewwa sew ghaliex wiehed irid jipprova jaqta' x' sejjer jigri jew x' jista' jkun probabbli li jsehh fil-gejjini" (Ara Prim'Awla – [JRM] Evan Xuereb vs Vincent Spalding deċiża fl-10 ta' Lulju 2003). Għalhekk din il-Qorti fuq stregwa ta' dan it-tagħlim, abbażi tal-prinċipji ennunċjati u peress li ħadd ma jista' jbassar il-futur, id-danni ser ikunu kkalkolati perjodu ta' 24 sena flok 29 sena.*

*Dwar il-kwantum ta' perċentwalita' sofferta bħala danni permanenti, il-Qorti tagħmel referenza għal verbal fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 fejn il-konvenut iddikjara li qed jistrieħ fuq ir-rapport tat-Tabib Fredrick Zammit Maemple (a' fol 172). Dan it-tabib wasal għall-konklużjoni li sena wara li eżamina lill-Attriċi din kellha diżabilita' permanenti ta' 25%. Dan huwa l-perċentwal li ser tkun qed tieħu il-Qorti ai fini ta' kalkolu ta' danni. Dwar il-lump sum payment, il-Qorti tibda biex tfakkar li r-raġuni ta' din ir-riduzzjoni hija l-pagament antiċipat tal-kapital. Ikun hemm erozjoni progressiva mal-mixja taż-żmien ta' dan il-perċentwal bejn id-data ta' l-inċident u d-data tas-Sentenza, fis-sens, li aktar ma jkun twil dan ilperijodu, aktar tonqos ir-raġuni għal tali deduzzjoni. "Jekk xejn ghaliex it-trapass taz-zmien ma [ghandux] jmmilita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident kontra l-vittma li sofriet d-danni" (Ara App.Civ fl-ismijiet Lawrence Caruana -vs- Anthony Falzon deċiża 5 ta' Ottubru 2001).*

*Bħala regola ġenerali, dwar il-lumpa sum payment, il-Qrati tagħna huma konkordi fil-perċentwal ta' 20% ceteris paribaus. Prinċipju imnissel minn Butler-vs-Heard. Dan pero' jiddependi minn kemm ħadet*

*iż-żmien biex il-Kawża tinqata' u basta dan it-tul ma jkunx attribwixxa għalih l-istess Attur (ara Sentenza fl-ismijiet Scicluna - vs-Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001). Fil-kawża tal-Prim'Awla fl-ismijiet Caruana -vs-Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum ilkawża: "jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". Fil-kawża talPrim'Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16-Diċ 2004 is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup 16-Mar-1999 u Caruana A vs Camilleri, App Ċiv Sup 27 ta' Frar 2004, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fil-kawża Galea vs Piscopo PA 3-Ott-2003, 5% f'Scicluna vs Meilaq PA 16-Lul-2001 u 0% filkawżi Turner vs Agius App Ċiv Sup 28-Nov-2003. Wara li qieset iċ-ċirkostanzi, kollha tal-każ, fost oħrajn li din il-kawża ma ilhiex pendent, din il-Qorti hija tal-fehma l-lump sum payment għandu jkun dak ta' 18%."*

- **<u>Catherine Mifsud vs. Josef Vella u b'digriet tat-13 ta' Marzu, 2009 daħlet fil-kawża l-kumpanija Middlesea Insurance p.l.c. *"in statu et terminis"*, u b'digriet tal-5 ta' Diċembru, 2017 il-Qorti awtorizzat il-bidla fl-isem tal-kumpanija Middlesea Insurance p.l.c. għal Mapfre Middlesea p.l.c</u>**[9]

*"25. Fir-rigward tal-multiplier ....*

*26. ……ser tikkalkula l-multiplier fuq il-hajja lavorattiva rimanenti talAttrici, fuq il-medda ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, jigifieri z-zmien li jrid jghaddi biex l-Attrici tilhaq l-etá tal-pensjoni, l-etá ta' hamsa u sittin sena (artikolu 2 tal-Kap. 318). 27. Huwa minnu, li s-Socjeta` assiguratrici fin-nota ta' sottomisjonijiet taghha (a` fol 375 ) qed tikkontesta l-multiplier li qed tippretendi l-Attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. L-argument tas-Socjeta' assiguratrici huwa mibni fuq dak li jinghad dwar "chances and changes of life" kif*

[9] 25 ta' Ottubru, 2023. Numru 18 Rikors numru 1159/07/1 TA

*stabbilit fis-Sentenza Butler -vs- Heard. Izda jrid jinghad, li fi zmien li nghatat dik is-Sentenza u cioe' fl-1967, l-aspettattiva tal-hajja kienet dik ta' sebghin (70) sena, mentri llum hija dik ta' tmenin (80) sena. Ghalhekk jekk din il-Qorti tapplika l-multiplier li qed tippretendi l-Attrici fir-rejalta' ikun qieghed jittiehed inkonsiderazzjoni ic-"chances u changes of life" fid-dawl li l-aspettattiva tal-hajja ttawlet b'ghaxar snin.*

*28. Fin-nota taghha l-Attrici tqis l-ghajnuna li taghti lil ohtha bhala 'mpjieg' u qed tirriklama danni ulterjuri f'dan is-sens (a` fol 370 u 371 ). Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-insurance f'dan ir-rigward u tqis li l-ghajnuna li l-Attrici ddecidiet li taghti lil ohtha ma jinkwadrax taht lartikolu 1045 tal-Kodici Civili (a` fol 374 ). L-Attrici tghin lill-ohtha b'mod volontarju u baqghet tghinha anke wara l-incident. Jirrisulta b'mod car li dawn is-servizzi qed jinghataw "ex causa familiaritatis". Jekk minn naha l-ohra, dak li qed taghmel ma' ohtha huwa bi speranza ta' hlas, din hija relazzjoni guridika interna bejnha u bejn ohtha (ara Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta minn dak in-nhar Magistrat, illum Imhallef, Silvio Meli , fl-ismijiet Carmen Cacciatolo -vs- Mario Tonna pro et tad-9 ta' Novembru 2008). Huwa minnu li l-presunzjoni hi, li omnia labor optat premium izda dan sakemm ma jirrisultax il-kuntrarju, bhal ma huwa fil-kaz mertu tal-kawza.*

*29. Ghalhekk huwa car, li xoghol volontarju ma jistax jigi kunsidrat bhala xoghol bi 'qliegh' fis-sens tal-artikolu 1045 tal-Kap. 16. Huwa evidenti li, sa min qabel ma sehh l-incident, qatt ma kien hemm pretensjoni ta' hlas mill-Attrici f'hajjet ohtha ghal dan ixxoghol volontarju. Di fatti l-Attrici ma prezentat l-ebda prova konkreta dwar dhul li hija qed tippretendi li ghandha tircievi minn dan ilvolontarjat. Ghaldaqstant l-Attrici ma tistax tippretendi li l-volontarjat m'ohtha ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta' likwidazzjoni ta' danni.*

*30. Ghalhekk isegwi li t-telf ta' qliegh futur tal-Attrici ghandu jigi kalkulat kif gej : €2,159 x 28 x 17% = €10,276.84.*

*31. Skont prattika kostanti, mis-somma kapitali ta' flus bhala kumpens ghat-telf ta' qliegh futur jitnaqqas l-ammont ta' 20% ghal raguni li tali kumpens isir f'daqqa u bil-quddiem ('lump sum percentage deduction'). Gie stabbilit izda, li sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis, dan il-kumpens ghandu jinghata meta jkun ghadda zmien qasir mill-incident u s-sentenza finali, tant li jekk bejn id-data ta' l-event dannuz u d-data talpagament effettiv ighaddu diversi snin, dan it-tnaqqis m'ghandux isehh (ara Julie Scicluna vs Sammy Meilaq, Qorti Civili Prim' Awla, 16 ta' Lulju 2001; ara wkoll Anthony Turner et vs Francis*

> *Agius et, 28 ta' Novembru 2003 fejn il-Qorti tal-Appell osservat li meta bhal dan il-kaz l-azzjoni ddum tkarkar tant li tiehu trapass twil ta' zmien mid-data tal-incident sa meta tinghata s-sentenza finali, dan "ghandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis ghal fini ta' 'lump sump payment'").*
>
> *32. Gie ukoll stabbilit li l-Qorti ghandha tibda tqis it-trapass ta' zmien minn meta tigi ntavolata l-kawza u mhux minn dak inhar tal-incident (Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri, Qorti tal-Appell, 27 ta' Frar 2004). Diversi sentenzi stabbilew li minn dan it-tnaqqis ta' 20% ghandu jonqos percentwali ta' 2% ghal kull sena ta' dewmien tal-kawza (ara fost ohrajn Joseph Abela vs Martin Spagnol, Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta' Marzu 1993, Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe, Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2009).*
>
> *33. Meta mis-somma titnaqqas percentwali ta' tnejn fil-mija (2%) ghal kull sena li ghaddiet minn dakinhar li nfethet il-kawza (ossia 7 ta' Novembru 2007) sa dakinhar li tinghata s-sentenza, ma jibqa' l-ebda percentwal x'jitnaqqas. Jinghad ukoll li minhabba l-fatt li diga` ghaddew nofs is-snin tal-multiplier, parti sew mill-kumpens ha jkun inghata b'lura iktar milli bil-quddiem. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tikkonsidra li m'ghandux isir it-tnaqqis tal-'lump sum payment'.*

Stabbiliti prinċipji ġurisprudenzjali li jolqtu din l-azzjoni, il-Qorti se timxi biex tara xi provi tressqu in sostenn.

**<u>Provi re inċident.</u>**

**L-attur** ippreżenta l-affidavit tiegħu fejn spjega d-dinamika ta' l-inċident.[10] Jgħid li hu kien għaddej mill-hekk imsejjħa *Bye Pass* ta' Ħal Għaxaq. Jiddeskrivi t-traffiku bħala normali wkoll li l-viżwali kienet normali.

[10] Folio 40.

Jgħid li hu kien għaddej għall-affari tiegħu u li van tad-*Detention Centre* li kien ipparkjat fuq in-naħa tax-xellug tiegħu qabad u dar minn quddiemu, qasam *central strip* miżbugħa, għalhekk għamel U-turn u bil-konsegwenza li tajru minn fuq il-mutur.

Spjega l-konsegwenzi fuqu ta' l-inċident, l-interventi kirurġiċi li sarulu wkoll li siequ qatt ma ġietu għan-normal.

Da parti tiegħu **Martin Buħagiar** il-konvenut jixhed fl-affidavit tiegħu[11] li hu kien jaħdem bħala Uffiċjal tad-*Detention Centre*. Jgħid li dak inhar ta' l-inċident kien ġie mqabbad mis-superjur tiegħu biex jixtrilu s-sigaretti. Għal dan l-iskop ħareġ bil-van tax-xogħol, waqaf Ħal-Għaxaq biex jaqdi lis-Superjur tiegħu. Jgħid li x'ħin ġie biex idawwar, għax kien ipparkjat fuq in-naħa l-oħra tat-triq, biex imur lejn id-direzzjoni lura lejn il-Gudja, ħass impatt ma' mutur.

Jgħid li x'ħin ġara l-inċident kien għadu d-dawl u li hu ma rax lis-sewwieq tal-mutur ġej.

Jispjega li l-mutur kien ġej mid-direzzjoni tal-Gudja lejn Bir-id-Deheb u hu kien qed jaqsam minn quddiem ħanut jismu Prinċipessa biex imur lura lejn id-direzzjoni tal-Gudja.

[11] Folio 192

Il-pulizija **PC1594 Cleaven Fenech Abela** jixhed[12] li kien l-ewwel fuq il-post tal-inċident. Ħa l-verżjoni *a tempo vergine* dak tal-konvenut, li daħal għand il-ħanut tal-Prinċipessa, ipprova jagħmel U-turn u sab lill-mutur miegħu.

Mir-rapport PIRS tal-pulizija[13] jirriżulta wkoll li mill-filmat preżentat [14] illi l-vettura misjuqa mill-konvenut dehret li qed tagħmel U-turn biex mid-direzzjoni minn Ħal-Għaxaq għaż-Żejtun, biddlet id-direzzjoni minn Ħal-Għaxaq għall-Gudja. Kien dak il-ħin li sar l-impatt.

Rat ukoll illi mil-lat kriminali l-konvenut instab ħati ta' akkużi relatati ma' l-inċident *de quo* meta mressaq quddiem il-Maġistrat Dr.Francesco Depasquale.[15]

**Danni fisiċi sofferti.**

Kaġun ta' dan l-inċident stradali l-attur skont il-Konsulent ortopediku *ex parte* Mr. Thomas Azzopardi sofra ġrieħi fl-għaksa ta' saqajh il-leminija li wassluh għal-disabilita' ta' 15%.[16]

Il-Qorti ħatret l-espert mediku tagħha, issa l-konsulent **Mr Ray Gatt**. Dan ikkonkluda[17] u xehed anke quddiem din il-Qorti[18] li:

[12] Folio 144
[13] Folio 155
[14] Dok CD folio 46
[15] Ara atti kriminali annessi.
[16] Ara rapport su riferut.
[17] Folio 203
[18] Folio 194

> *" Fil-Fehma tiegħi Christopher Abdilla għandha (recte għandu) dizabilita' fisika permaenti stmata ta' ħdax fil-mija (11%) bħala riżultat ta' l-inċident ta' Awwissu 2017."*

Il-perit mediku Ray Gatt ġie eskuss.[19] Spjega li d-danni sofferti mill-attur fil-pala ta' sieq l-attur kienu tali li minħabba li l-jog ittiekel, il-pala tas-sieq kienet daret. Li ma kienetx *aligned*. Din kienet se tikkaġuna mhux biss *limp* imma li kien se jkollu strapazz kemm fuq l-irkoppa wkoll fuq il-*hip*. Wieġeb li ma kienx hemm ċans ta' *improvement,* anzi l-minħabba t-trobbija ta' l-artrite kien hemm ċans li s-sitwazzjoni fiżika tal-attur tiggrava. Ikkonferma d-diżabilita' ta' ħdax fil-mija.

**Dan mhux ikkontestat.**

**Tinnota wkoll li ma ġew mitluba ebda periti addizzjonali.**

**<u>Ness ta' kawżalita'</u>**

Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tivvaluta jekk id-dannu reklamat hux wieħed dovut, jinħtieġ li l-Qorti tgħaddi biex teżamina jekk bejn id-dannu ikkaġunat u l-fatt dannuż, ċioe' il-manuvra ta' U-turn da parti tal-konvenut fi triq fejn ma kienetx tippermetti tali[20], hemmx in-ness neċessarju li jwassal għar-responsabbilta' tad-dannu subit fuq il-konvenut. Jingħad fir-rigward li dan isseħħ-

[19] Folio 194

[20] Jidher li qasam central strip miżbugħa.

> *"[Dan] permezz ta' prova li, f'każijiet ta' din ix-xorta, trid tirriżulta biex, b'mod adegwat u konvinċenti, tikkreja n-ness ta' kawżalità ta' fatt bejn il-kondotta tal-agent u l-event dannuż. Hu wara kollox il-kardini tar-responsabilità extra kuntrattwali, jew akwiljana, illi għad-danni kawżati lit-terzi huwa l-awtur tal-leżjoni li għandu jwieġeb għar-riżarċiment ta' dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw".*

**Ara Korporazzjoni Enemalta -vs- Joseph Vassallo et,[21] .**

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi mressqa l-Qorti m'għandix dubbju li l-ġrieħi li ġew sofferti mill-attur kienu kaġun tal-manuvra ħażina li għamel il-konvenut bil-van tax-xogħol minnu misjuq. Inutli jgħid u jixhed li hu ħalla żewġ vetturi jgħaddu qabel ma għamel U-turn. Ma jistax jinħeba wara l-iskuża li f'daqqa sab mutur dieħel ġo fih. La kien se jagħmel din il-manuvra daqshekk ażżardata minflok sab minn fejn jista' jmur fuq il-karreġġjata kontra b'mod sew, messu aktar u aktar qagħad attent la kien se jinvadi karreġġjata bil-kontra. Dan m'għamlux, bil-konsegwenza li kien fil-fatt il-mutur li sab il-van ma wiċċu!

Konsegwentement il-Qorti tqis li m'għandha ebda dubbju li bejn l-għelt soffert mill-attur u l-manuvra ħażina ta' sewqan da parti tal-konvenut hemm dak in-ness ta' kawżalita' li jissodisfa t-talba għad-danni. Per konsegwenza l-Qorti ma ssib

[21] **Appell Inferjuri, 17.10.2008.**

ebda element ta' kontributorjeta' da parti tal-attur kif jallega l-kjamat in kawża fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

**L-eċċezzjoni ta' leġittimu kontradittur.**

Illi stabbilit dan in-ness jkun opportun qabel ma l-Qorti tgħaddi biex teżamina d-danni dovuti li l-Qorti tħares lejn it-tieni eċċezzjoni mressqa mill-kjamat in kawża korretement imsejjaħ is-Segretarju Permanenti Fil-Ministeru Għall-Intern Sigurta' Nazzjonali u L-Infurzar tal-Liġi, erronjament indikat bħala Ministru tal-Intern.

Din l-eċċezjoni taqra illi l-eċċipjent:

> *"..mhuwiex il-legittimu kontradittur ġialadarba l-Ministeru kjamat bl-ebda mod ma kkawża l-kollizjoni mertu tal-azzjoni odjerna. Isegwi għalhekk illi t-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux ikunu diretti fil-konfront tal-esponent, u konsegwentement għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;"*

**Bla tlaqliq il-Qorti tgħid li l-eċċipjent kjamat għandu raġun.**

Ix-xhud **Kyle Mifsud** li xehed permezz ta' affidavit[22] ikkonferma li l-konvenut fil-fatt kien jaħdem bħala *Detention Service Officer* mad-Dipartiment ta' Detenzjoni u kien hekk impjegat dak in-nhar tal-kolliżjoni. Wkoll li kien awtoriżżat isuq il-vettura involuta fl-inċident.

Pero' kif sew jippuntwalizza l-kjamat in kawża fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu b'referenza għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.45, din l-Aġenzija għas-Servizzi ta' Detenzjoni li tagħħa kienet il-vettura misjuqa mill-konvenut, hija korp ġuridiku b'personalita' legali distinta u għandha rappreżentanza legali u ġuridika llum vestita fl-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jew rappreżentant tiegħu.

Kien ikun differenti biex ir-responsabilta' tiġi kontributorja issa da parti tal-kjamat kieku per eżempju l-konvenut ġie mogħni b'vettura difettuża u kkaġuna inċident.

Dan ċertament mhux każ pruvat.

**Konsegwentement din l-eċċezzjoni hija sewwa u qiegħda tiġi milqugħa.**

**<u>Provi ta' telf finanzjarju.</u>**

[22] Folio 162

Kif jirriżulta kemm mil-lat statutorju wkoll mill-ġurisprudenza stabbilita f'din l-azzjoni l-attur jista' jvanta kemm għal telf immedjat, hekk imsejjaħ id-dannu emerġenti mill-fatt kolpuż, id-*damnum emergens* ukoll id-dannu u telf futur, il-*lucrum cessans.*

**Damnum emergens**

L-attur ressaq diversi provi in sostenn ta' din it-talba għad-danni.

Dok. CA1[23] għall-ammont ta' €300;

Dok. CA2[24] għall-ammont ta' €50

Dok. CA3[25] għall-ammont ta' €30

Dok. CA4[26] għall-ammont ta' €50

Dok. CA5[27] għall-ammont ta' €45

Dok. CA6[28] għall-ammont €22.50

Dok. CA7[29] għall-ammont ta' €6.99,0

Dok. CA8[30] għall-ammont ta' €8.50,0

Dok. CA9[31] għall-ammont ta' €8.28,0

[23] Folio 19.
[24] Folio 20
[25] Folio 21
[26] Folio 22
[27] Folio 23
[28] Folio 24
[29] Folio 25
[30] Folio 26
[31] Folio 27

Dok. CA10[32] għall-ammont ta' €17.31,0

Dok. CA12[33] FS3 GFS Borg Co.Ltd għas-sena 2016 fl-ammont ta' €1854.53.

Dok. CA13[34] FS3 ditto għas-sena fl-ammont ta' €1854.53.

Dok. CA14[35] FS3 Solidbase Laboratory Ltd. bejn 1.10.2016 u 31.12.2016

Dok. CA15[36] FS3 ma F&D Gauci Ltd. mid-9 ta' Jannar 2017 sal 31 ta' Diċembru, 2017.

Dok. CA16[37] FS3 ma F& D Gauci Ltd. għas-sena 2018.

Dok. CA17 ittra paid sick entitlement.

**i.Damnum Emergens.**

Mad-dokumenti appena elenkati l-Qorti tara li ġie esibit id-dokument Dok SMS[38]. Dan jirrigwarda l-impjieg li l-attur kellu mas-soċjeta' F&D Gauci għas-snin mid-9 ta' Jannar, 2017 sat-22 ta' Frar, 2019. Dan juri, u mhux kontestat illi l-attur għas-snin iddikjarati qala' l-ammont ta' **€372.80** *unpaid sick leave, partial,* l-ammont ta' **€672.63** li jinkludi fih bonus statutorju ukoll li baqa' mill-*vacation leave* għas-sena 2017, ukoll l-ammont ta' **€121.16** jinkludi wkoll bonus statutorju. Dan jammontaw għas-somma ta' **€1,166.59.0**

[32] Folio 28
[33] Folio 29
[34] Folio 30
[35] Folio 31
[36] Folio 32
[37] Folio 33
[38] Folio 129

Fl-anness, a folio 130, hemm spjegazzjoni, wkoll mhux ikkontestata illi:

> *"Hu bħala average meta tara l-payslips kellu qisu elf u mija (€1100) fix-xahar. Allura meta tgħodd l-unpaid leave jiġi li ma tħallasx l-ammont ta'* ***€10,933.41.***
> *Fejn hemm imniżżel li saru lil Abdilla dawn kienu ħlasijiet li ħa bħala bonus, vacation leave u sick leave li kellu jieħu skond il-liġi."*

Dan b'referenza għad-dokument appena riferut. Jiġi innutat illi dan id-dokument ġie esibit mill-avukat ta' l-istess attur.

Jingħad ukoll li f'dan ir-rigward xehed ukoll **James Gauci**[39] għas-soċjetà' FND Gauci, li wkoll ikkonferma l-introjtu li kellu l-attur mas-soċjeta' imsemmija li magħha kien impjegat fl-immedjat wara li kellu l-inċident *de quo* kif indikat fid-dokument SMS. Dan hu rifless fid-dokumenti Dok.JB.[40]

**Għalhekk jirriżulta li d-dannu immedjat magħduda dawn iż-żewġ ammonti hu tas-somma €12.100,00.**[41]

**Pero',** l-istess attur jixhed ukoll fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 2023 illi tul iż-żmien li hu kien *on unpaid sick leave* hu ħa somma mensili ta' mitt ewro għat-tul li kien

[39] Folio 98
[40] Folio 103-124.
[41] Jiġi rilevat lli għalkemm l-inċident de quo ġara fil-31 ta' Awwissu, 2017, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jgħodd it-telf emerġenti b'mod differenti.

fuq *unpaid sick leave*. Ta' dan ma ngabx dokument sew, imma l-Qorti tista' tiddeduċi mid-dokument preżentat mill-istess attur, Dok SMS, illi hu kien fuq dan l-*unpaid sick leave* għal ċirka tnax-il xahar. Għalhekk skont dak minnu mixhud hu rċieva s-somma ta' **€1,200.00** bħala benefiċċji soċjali.

Invista li dak dovut lilu għandu jirrfletti biss t-telf soffert u m'għandux ikun każ ta' arrekkiment inġust a spejjeż tal-konvenut, konsegwentement il-Qorti qiegħda mis-somma imsemmija tnaqqas dak li l-attur irċieva mis-servizzi soċjali għalhekk id-*damnum emergens* dovut jammonta għas-somma ta' **<u>€10,900.00.</u>**

**<u>Lucrum cessans dovut.</u>**

Il-liġi nostrali taħseb ukoll għat-telf li l-għelt ikkaġunat iġib fil-futur. Kif sew miżmum fil-ġurisprudenza nostrali, anke kif *supra* ċitata l-Qrati tagħna jaslu għal dan billi jagħmlu ampja referenza għal formula stabbilita' fid-deċiżjoni **Butler vs Heard** li apparti għall-varjazzjonijiet żviluppati mill-Qrati nostrali, baqgħet rilevanti sallum.

Il-Qorti ma ġietx mogħtija ċertifikat tat-twelid tal-attur. Il-karta' ta' l-identita' tiegħu iġib l-aħħar numri 85[42]. Weġġa' fis-sena 2017, jidher li **kellu l-eta' ta' 52**

[42] Kif dikjarat fir-rikors ġuramentat qua karta' ta' l-identita'

**sena**, dan nonostante dak li jidher fil-karta' tal-identita' u hawn il-Qorti qed timxi ma' dak li kiteb Mr Thomas Azzopardi l-kurant tiegħu u l-*multiplier* adottat fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-istess attur.

In vista tal-ġurisprudenza ġia ċitata, u wkoll in vista li llum il-*life expectancy* żdiedet sal-medja ta' tmenin sena, wkoll tenut li l-ħajja lavorattiva llum twassal sa' l-eta' ta' 65 sena, il-Qorti se tadotta l-multiplier suġġerit mill-istess attur ċioe' dak ta' 11.

Jgħodd għal dan l-eżerċizzju s-somma *qua* paga li l-attur kien u kellu aspettativa li jipperċepixxi tul ħajtu.

L-attur jargumenta li skont l-FS3 esebiti mis-snin 2015 sas-sena 2022 il-medja tal-qliegħ tista' tinħadem fuq is-somma annwali ta' €22,000 salarju. In partikolari l-Qorti tagħmel referenza għad-dokumenti, FS3 esebiti għas-snin 2020 sas-sena 2022[43]. Kieku mhux għall-eta' tal-istess attur, il-Qorti kienet tagħmel aktar emfażi għall-aspettattiva ta' avvanz fil-ħajja lavorattiva tiegħu u hawn tagħti raġun l-argument li ressaq fir-rigward il-kjamat in kawża.

Għar-raġunijiet premessi l-*lucrum cessans*, bla tnaqqis li se jingħad, għandu jkun kif ġej;

[43] Folio 188 sa 190

**€22,000 x 11 x 11% = €26,620.00**

Il-ġurisprudenza kif ingħad għamlet diversi żviluppi minn fejn telaq il-kunċett bażi stabbilit f'Butler vs Heard. Terġa tfakkar li nsibu hekk:

> *"30. Din il-Qorti rat l-aggravju mressaq u taqbel li fil-fatt il-Qrati tagħna ħadu l-pożizzjoni li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni iċ-chances and changes of life meta jkun ikkalkulat il-multiplier.*
> *In fatti fil-kawża fl-ismijiet Christine Hannah Burns nomine v. Paul Ebejer pro et noe et deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Novembru 2024, ġie meqjus li:*
>
> *"86. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet Joseph Azzopardi v. Id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili, ingħad ukoll li għalkemm il-Qorti għandha tfittex li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel l-inċident, m'għandux jittieħed biss il-maximum working life expectancy tad-danneġġat. Il-kunċett ta' chances and changes of life, ġie introdott biex proprju jiġġustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bażi tal-prinċipju li ħadd ma jaf il-futur u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod ieħor. Isegwi li l-working life expectancy m'għandux ikun ikkunsidrat kollu għall-fissazzjoni tal-multiplier.*
>
> *87. Għalhekk fil-każ ta' dan l-ilment, l-aggravju tal-konvenut jitqies ġustifikat fis-sens illi l-multiplier għandu jkun ta' erbatax u mhux ta' tmintax-il sena."*[44]

Oltre dan, kif tgħallem sew il-ġurisprudenza u jaqblu l-partijiet, hawn irid isiru wkoll temperament mis-somma msemmija biex jaħsbu għal-fatt li hawn qed

[44] App Ċiv. 25 ta' Frar, 2025. Rikors numru 1278/18/1 TA **Michael Zammit v. Tonio Micallef**

tingħata *lump sum payment,* ukoll jittieħed in konsiderazzjoni t-tul ta' kawża in eżami.

Il-Qorti qieset li l-inċident sar fis-sena 2017 u l-kawża nfetħet fis-sena 2019. Se jkunu għaddew għalhekk sitt snin sakemm ġiet deċiża. Jingħad ukoll li ċerta tul fil-kawża ma kienx imputabbli lill-attur in kwantu għall-effetti li l-pandemija ħalliet fuq il-ħidma tal-Qrati. Tqis għalhekk li għandu jsir temperament 10% minħabba l-*lump sum payment* imsemmi u 5% oħra għat-tul li ħadet din il-kawża dan jwassal għal temperament ta' 15% mis-somma indikata. Għalhekk dan iwassal għal

**€26,620.00-15%= €22,627.00**

**Is-somma komplessiva għalhekk dovuta qua danni tammonta għal €10,900.00 + €22,627.00 li tammonta għal €33,527.00**

**Konsegwentement taqta' u tiddeċiedi illi;**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Martin Buhagiar;**

**2. Tilqa' it-tieni eċċezzjoni tal-kjamat in kawża, pero' tiċħad il-kumplament sa fejn kompatibbli ma' dan deċiż[45];**

**3.Tiddikjara li l-konvenut Martin Buhagiar responsabbli ta' l-inċident stradali li seħħ f'Dawret Ħal-Għaxaq, Għaxaq fil-31 ta' Awwissu 2017 u għad-danni naxxenti mill-istess li sofra l-istess attur Christopher Abdilla;**

**4.Tillikwida fil-forma ta' danni kif hawn fuq premessi s-somma komplessiva ta' €33,527.00;**

**5.Tikkundanna lill-konvenut Martin Buhagiar illi jħallas lill-attur Christopher Abdilla is-somma indikata ta' €33,527.00, somma dovuta bħala danni kif dikjarat;**

**Bl-ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali maħruġa kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imgħax dekoribbli millum sal-pagament effettiv.**

[45] Tqies li għalkemm L-Avukat ta' L-Istat ma ġiex notifikat, dan kien iservi biss biex igħabbi l-kawża b'aktar spejjeż, xorta l-Gvern kien ben rappreżentat mill-Ministru Intimat. Tqies ukoll li dik l-eċċezzjoni ma ġietx trattata mill-istess eċċipjent.

**L-ispejjeż ta' din l-Istanza huma a karigu tal-konvenut Martin Buhagiar.**

**Onor. Miriam Hayman.**

**Imħallef**

**Rita Falzon**

**Dep.Reġ**